MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 302/2007

**Forestals Building Materials and Services 2001 Ltd (C27720)**

**Vs**

**Mario Meilak**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-29 ta` Marzu, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u tnejn u disghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm792.93) rapprezentanti prezz ta` merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsetx.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra nterpellatorja datata 26 ta` Frar, 2007 u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta` l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba.

Billi l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-11 ta` Mejju, 2007, meta gie pprezentat l-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, ghalhekk l-avviz ghandu jigi emmnut u ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' seba` mija u tnejn u disghin lira maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm792.93), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra nterpellatorja u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------